**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju 2018**

**Talba Nru: 501/17 CZ**

**Vivian Corporation Ltd.**

**vs.**

**Sierra Group Malta Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-30 t'Ottubru 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u seba' centezmi (€3,921.07) rapprezentanti l-valur ta' prodotti mibjugha lis-socjeta' Sierra Group Malta Limited, kif indikat fil-fattura, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. VC 1.

Illi s-socjeta' konvenuta, u cioe', Sierra Group Malta Limited giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut minnha, liema ammont huwa rapprezentanti l-valur ta' prodotti mibjugha lil din l-istess socjeta' konvenuta, liema prodotti baqghu qatt ma gew imhallsa u dan wara li s-socjeta' konvenuta ghazlet li tippersisti fl-inadempjenza taghha.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti talbet lit-Tribunal sabiex:

1. Jiddeciedi u jiddikjara li l-konvenut [sic] huwa debitur tas-socjeta' esponenti fl-ammont imsemmi ta' tlett elef disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u seba' centezmi (€3,921.07).
2. Jornda lill-konvenut [sic] ihallas lis-socjeta' esponenti l-ammont imsemmi ta' tlett elef disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u seba' centezmi (€3,921.07), bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluz dawk riferibbli ghal ittra ufficcjali intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li Doreen Farrugia Grech, debitament notifikata ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija u wiehed u ghoxrin Euro u seba' centezmi (€3,921.07) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur